**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 279/18 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu gewwa l-Irlanda nhar l-ghoxrin t'April tas-sena elf disgha mija u disa u tmenin (20/04/1989) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2393/2014 u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi l-esponenti sseparat *de facto* mal-intimat minn Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) filwaqt li s-separazzjoni giet konkluza permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr Sean Critien datat disgha ta' Dicembru tas-

sena elfejn u erbatax (09/12/2014) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B'.

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal ET li twieled erbatax ta' Marzu tas-sena elf disgha mija wiehed disghin (14/03/1991) u NT nhar tnejn ta' Gunju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (02/06/1995) illum lkoll maggorrenni.

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba' (4) snin matul l-ahhar hames (5) snin precedenti dal-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi dwar manteniment l-esponenti tiddikjara illi a tenur tal-Artikolu 5 tal-istess kuntratt hija thallset f'lump sum payment bhala manteniment ghaliha filwaqt li a tenur tal-Artikolu 7 l-intimat hallas lill-bint il-partijiet, N manteniment ta' mitt Euro (€ 100) liema manteniment thallas direttament lit-tifla.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2) Tordna lir-registratur tal-qrati sabiex fiz-zmien imholli ghalhekk minn din l-Onorrabli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-registru pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz tieghu iddikjara :

Illi l-esponent jiddikjara li huwa minnu li l-partijiet izzewgu nhar l-20 ta' April 1989 gewwa l-Irlanda kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness mar-rikors promotur (Dok. A);

Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom aktar minn 4 snin separati stante li ilhom separati de facto sa minn Dicembru 2013 u legalment separati permezz ta' kuntratt datat id-9 ta' Dicembru 2014 fl-Atti tan-Nutar Dr Sean Critien (Dok. B);

Illi l-esponent jaqbel ukoll li wlied il-partijiet huma maggorenni u li t-termini tal-kuntratt dejjem gew sodisfatti u ghalhekk m'hemm ebda pendenzi relatati ma manteniment bejniethom;

Illi l-esponent jiddikjara li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghal kull buon fini jiddikjara wkoll li m'ghandu ebda oggezzjoni ghat-talba ta' divorzju ta' AB hekk kif dedotta stante li r-rekwiziti kontemplati fil-ligi ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2018;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Dicembru 2014 u ilhom de facto separati sa minn Dicembru 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.